MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 33/2003

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Raymond u Eileen mizzewgin Said**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 2 ta' Mejju, 2000 fl-att tan-Nutar Dottor John Gambin (Dok "A"), is-socjeta' attrici ikkoncediet "Loan Facilities" lill-konvenuti Raymond u Eileen mizzewgin Said;

Ippremetta li s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Raymond u Eileen mizzewgin Said fis-somma ta' sitta u tletin elf, disa' mija u tnejn u hamsin Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (LM36,952.26) bilanc ghad-debitu fil-

“Loan Accounts” ta’ Raymond u Eileen mizzewgin Sadi mal-Bank of Valletta plc (Dok “B1 sa B4”, u “C1 sa C4”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Ippremettiet li l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 26 ta’ Settembru, 2002 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “D”, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta’ attrici lil din il-Qorti sabiex il-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil Raymond u Eileen mizzewgin Said ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitta u tletin elf, disa’ mija u tnejn u hamsin Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (LM36,952.26) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Raymond u Eileen mizzewgin Said mal-Bank of Valletta plc (Dok “B1 sa B4”, u “C1 sa C4”;) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 26 ta’ Settembru, 2002 u tal-Mandat ta’ Sekwestru u Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Rat in-nota pprezentata mis-socjeta' attrici fit-3 ta' Ottubru, 2003 li in forza taghha gie cedut is-sorte izda inzamm ferm il-kap ta' l-ispejjez;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici peress li gew ceduti; u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu in solidum bejniethom l-ispejjez kollha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------